**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha 6 ta' Mejju, 2016**

**Rikors numru 605/2015 (JVC)**

**Loreto sive Lorry Spiteri**

**-vs-**

**Ir-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Loreto sive Lorry Spiteri tal-24 ta' Settembru 2015 fejn espona:

1. illi bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata quddiem Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, Ittra numru 605/2015, ir-Registratur talbet il-hlas minghand l-esponenti tas-somma ta' sitt elef tliet mija u ghoxrin euro u hamsa u sebghin centezmu (€6,320.75) bhala hlas tal-bilanc tad-dritt tar-registru fil-kawza numru 75/98 fl-ismijiet "Giuseppa Grima et vs George Borg et", dezerta finalment fil-5 ta' April 2006.

2. illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut ghaliex huwa abbundantement preskritt u dan fit-termini tal-Artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili.

3. illi barra inn hekk u interament minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan l-ammont mitlub mir-Registratur lanqas ma huwa kkonfortat mid-dokumentazzjoni tal-kawza su-riferita.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tar-Registratur, Qrati u Tribunali, Ghawdex ghall-hlas ta' din is-somma bhala nfondata fid-dritt u fil-fatt u konsegwentement tiddikjara li l-esponenti ma ghandu jhallas xejn lill-istess Registratur.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tal-istess Registratur.

Rat ir-risposta tar-Registratur Qrati u Tribunali (Ghawdex) datata l-1 ta' Ottubru 2015 fejn ippremettiet:

Illi r-rikorrent Loreto sive Lorry Spiteri kien wiehed mill-atturi fil-kawza numru 75/1998(PC) illi giet dezerta minn dina l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' April 2006 u ghaldaqstant huwa solidament responsabbli flimkien mal-attrici l-ohra, ghad-dritt tar-registru ta' dina l-kawza.

Illi l-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' ghaliex huwa nkoncepibbli li r-rikorrent iqajjem il-preskrizzjoni u fl-istess nifs ighid illi l-ammont mitlub m'huwiex onfortat mid-dokumentazzjoni tal-kawza su-riferita kif ir-rikorrenti qieghed ighid fit-tielet paragrafu tar-rikors tieghu. Il-gurisprudenza tghallem illi tali dikjarazzjoni hija ekwivalenti ghal rikonoxximent tad-debitu, liema rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni nvokata mill-istess rikorrent.

Ghaldaqstant ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota tar-Registratur Qrati u Tibunali, Ghawdex tas-6 ta' Mejju 2016 fejn gew ammessi t-talbiet kontenuti fir-rikors odjern.

Tilqa' t-talba ta' Loreto sive Lorry Spiteri u tiddikjara li r-rikorrent m'ghandu jaghti xejn lir-Registratur intimat.

Bl-ispejjez kontra r-Registratur Qrati u Tribunali, Ghawdex.

Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat